3) Il-fatt li l-vawċers ta' bejgħ bl-imnut maħruġa lill-membri tal-persunal huma għall-użu tagħhom stess u jistgħu jintużaw għall-iskopijiet privati tal-membri tal-persunal għandu xi rilevanza fir-rigward tar-risposta għall-ewwel domanda?

---

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

---

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 minn International Management Group (IMG) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-9 ta' Settembru 2020 fil-Kawża T-645/19, IMG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-619/20 P)**

(2021/C 28/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* International Management Group (IMG) (rappreżentanti: L. Levi, J.-Y. de Cara, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2020 fil-Kawża T-645/19;

— konsegwentement, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq it-talba għal annullament u t-talba għad-danni;

— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti ssostni li, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi qieset li l-ittra tat-18 ta' Lulju 2019 ma hijiex att li jista' jiġi kkontestat.

---

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 minn International Management Group (IMG) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-9 ta' Settembru 2020 fil-Kawża T-381/15 RENV, IMG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-620/20 P)**

(2021/C 28/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* International Management Group (IMG) (rappreżentanti: L. Levi, J.-Y. de Cara, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2020 fil-Kawża T-381/15 RENV;

— konsegwentement, tilqa' t-talbiet tal-appellanti mressqa fl-ewwel istanza kif irriveduti u, għalhekk: